

# 1.

Fuq widintu l-leminija, il-Pirjol kibritlu felula li għalkemm ma kinitx kbira, kienet tidher sew. Il-Pirjol xejn ma kien jieħu pjaċir meta xi ħadd kien isemmiha jew joqgħod iħares lejha.

Imma wara ftit żmien, kulħadd draha u l-Pirjol ma

baqax jinkwieta dwarha.

Imma mhux Ġanni l-kok. Dan, meta kien jitlef sabru jew xi ħaġa ma tiġix kif jixtieq, kienet teħel ma' rasu dik l-imbierka ta' felula li kienet iżżejjen il-widna tal-Pirjol.

"Kollu ħtija ta' dik il-felula li l-Pirjol għandu fuq widintu!" kien jibda jgħajjat u ftit li xejn kien

